



Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13823/18

COASI 258
ASIE 59
CFSP/PESC 1048
CSDP/PSDC 658
RELEX 966
COHAFA 99
COHOM 141
COTER 160
DEVGEN 209
MIGR 188
TRANS 552
WTO 294
COPS 434
POLMIL 209

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13821/18

Suġġett: L-Afganistan

- konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan, kif adottati mill-Kunsill fit-3252 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Novembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Afganistan

Elementi ġenerali

1. Waqt li jfakkar fl-Istrateġija tal-UE 2017, u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ottubru 2017, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn fit-tul tiegħu sabiex jappoġġa lill-poplu tal-Afganistan fi triqtu lejn il-paċi, is-sigurtà u l-prosperità. L-UE tara Afganistan ta' paċi u prosperità bħala sies għall-istabbiltà u l-iżvilupp tar-reġjun kollu. L-UE tilqa' l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp (CAPD) bħala pass importanti fir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Afganistan.
2. Il-Konferenza Ministerjali ta' Ġinevra dwar l-Afganistan tas-27 u t-28 ta' Novembru 2018 ser tkun opportunità importanti biex jiġi evalwat il-progress fir-riformi maqbula b'mod reċiproku li seħħ minn mindu saret il-Konferenza ta' Brussell fl-2016 u biex tiġi stabbilita aġenda li tħares 'il quddiem għall-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp sostenibbli. L-UE tfaħħar lill-aġenziji tan-NU u lill-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan għall-impenn tagħhom biex jinkisbu l-paċi u l-istabbiltà fl-Afganistan.
3. Waqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar l-Istrateġija tal-UE "Nikkollegaw l-Ewropa u l-Asja", l-UE tappoġġa d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni ekonomika bejn l-Afganistan u pajjiżi ġirien u r-reġjun usa', inkluż pajjiżi tal-Asja Ċentrali, permezz tal-istabbiliment ta' networks u sħubijiet li jżviluppaw konnettività sostenibbli. Il-progress fil-kooperazzjoni ekonomika reġjonali u l-proġetti ta' konnettività ser jagħtu benefiċċji tanġibbli lill-poplu tal-Afganistan u ser isaħħu l-isforzi attwali ta' paċi.

Il-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali

4. Il-Kunsill jilqa' l-kunsens dejjem jikber fost il-partijiet ikkonċernati Afgani, reġjonali u internazzjonali dwar il-parametri ta' proċess ta' paċi potenzjali. L-UE tappoġġa proċess ta' paċi inklużiv immexxi u mħaddan mill-Afganistan, bil-Gvern u t-Taliban fil-qalba tiegħu, bħala l-unika triq vijabbli lejn riżoluzzjoni sostenibbli tal-konflitt armat. Sabiex jirnexxi, dak il-proċess irid iwassal għar-rinunzja tal-vjolenza, it-tneħħija tar-rabtiet kollha mat-terroriżmu internazzjonali, l-osservanza tal-istat tad-dritt u r-rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-Afgani kollha
5. Il-Kunsill ihegġegħ lill-partijiet kollha fil-konflitt, b'mod partikolari t-Taliban, biex jidħlu f'negozjati formali għall-paċi. L-UE tilqa' l-inizjattivi reċenti tal-Gvern tal-Afganistan bħall-offerta ta' taħditiet mingħajr prekundizzjonijiet u l-waqfien mill-ġlied temporanju matul il-btala tal-Eid al-Fitr ta' din is-sena, li kien parzjalment reċiprokat mit-Taliban. Ir-reazzjonijiet lokali għall-waqfien mill-ġlied juru li, fil-biċċa l-kbira tiegħu, il-poplu Afgan huwa għatxan għall-paċi u huwa lest għal rikonċiljazzjoni. L-UE jiddispjaċiha li l-livell ta' vjolenza kompli mingħajr waqfien billi t-Taliban ma onorawx l-estensjoni min-naħa tal-Gvern tat-tregwa tal-Eid al-Fitr, u ċaħdu offerta oħra ta' waqfien mill-ġlied.
6. Filwaqt li tiddeplora l-ġhadd dejjem jikber ta' vittmi ċivili fl-Afganistan, l-UE tikkundanna l-attakki kollha fuq persuni ċivili u faċilitajiet ċivili, inkluż skejjel, ċentri reliġjużi u tal-votazzjoni, u tfakkar fir-responsabbiltà tal-partijiet kollha li jipproteġu lill-persuni ċivili f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-Dritt Umanitarju Internazzjonali u d-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE tappella għal investigazzjoni minnufih permezz ta' proċedimenti indipendenti u trasparenti tal-każijiet kollha ta' qtil ta' persuni ċivili.

7. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha ġirien u lill-atturi reġjonali biex jappoġġaw l-isforzi tal-Gvern tal-Afganistan għall-promozzjoni tal-paċi u l-istabbilità u jilqa' inizjattivi bħall-Konferenza Internazzjonali ta' Tashkent, ospitata mill-Uzbekistan f'Marzu, li jikkomplementaw l-isforzi tal-Afganistan stess. L-UE ser tkompli tappoġġa l-paċi u l-istabbiltà fuq terminu twil permezz tal-impenn tagħha mas-sħab reġjonali u l-partijiet ikkonċernati internazzjonali ewlenin, u tappoġġa r-rwol importanti tal-Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Afganistan f'dan ir-rigward. L-UE tħeġġeġ aktar integrazzjoni ekonomika reġjonali, inkluż permezz tal-iżvilupp tar-rabtiet tal-Afganistan mal-Asja Ċentrali, bħala kontribut importanti għall-iżvilupp sostenibbli.
8. L-UE tilqa' d-dikjarazzjoni konġunta tal-Gvern tal-Afganistan u tan-NATO li saret fis-Summit ta' Brussell ta' Lulju 2018 sabiex jissoktaw l-impjenji tal-Appoġġ Determinat għall-Forzi Afgani għad-Difiża u s-Sigurtà Nazzjonali biex ikunu suffiċjenti u dejjem iżjed sostenibbli, l-estensjoni tal-appoġġ finanzjarju tal-forzi Afgani sal-2024 u l-impjenji relatati tal-Gvern tal-Afganistan.
9. L-UE tħeġġeġ lill-pajjiżi kollha biex jirrispettaw is-sovranità, l-indipendenza, l-integrità territorjali u l-unità nazzjonali tal-Afganistan. L-Afganistan ma għandu qatt jerġa' jitħalla jsir arena għal gwerra bi prokura f'isem atturi barranin. F'dan il-kuntest, l-UE tappella lill-pajjiżi ġirien biex jirdupjaw l-isforzi biex jiġġieldu t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tagħhom, u biex jeliminaw ir-refuġji sikuri għan-netwerks terroristiċi, b'rispett sħiħ tal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.
10. L-UE tinkoraġġixxi l-inizjattivi internazzjonali kollha li jappoġġaw il-paċi fl-Afganistan biex tkun żgurata koordinazzjoni mal-Gvern taħt il-qafas globali tal-Proċess ta' Kabul, biex jiġu massimizzati l-prospetti ta' soluzzjoni politika paċifika.

It-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tal-governanza tajba u l-emanċipazzjoni tan-nisa

11. L-elezzjonijiet parlamentari ta' Ottubru 2018, l-ewwel elezzjonijiet wara l-2001 li kienu mmexxija u organizzati mill-Afgani, urew ix-xewqa qawwija, kif ukoll il-kuraġġ u r-reżiljenza tal-popolazzjoni, inkluż in-nisa u ż-żgħażaġh, li tipparteċipa fil-proċess demokratiku. L-UE tfaħħar lill-forzi tas-sigurtà għas-sagrifiċċji li għamlu li għenu biex l-elezzjonijiet setgħu jsiru. Il-Kunsill jikkundanna l-vjolenza li xekklet dawn l-elezzjonijiet, b'mod partikolari l-attakki li saru fuq operazzjonijiet elettorali. L-attakki bla ħniena u kriminali mwettqa matul il-kampanja elettorali mit-Taliban u gruppi oħra terroristiċi u ribelli fuq persuni ċivili kif ukoll fuq uffiċjali mhumieħ ġustifikabbli. Il-Kunsill jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-vittmi kollha u l-familji tagħhom u jesprimi wkoll solidarjetà magħhom. Minkejja r-riformi elettorali ta' min ifaħħarhom li ġew adottati wara l-elezzjonijiet preċedenti, il-votazzjoni ġiet affettwata b'mod negattiv minn diffikultajiet organizzattivi u tekniċi sostanzjali kif ukoll minn suspetti ta' frodi fuq skala kbira. Issa huwa urġenti li jiġu identifikati u implimentati miżuri qawwija u rapidi li jippreservaw is-sikurezza, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-kredibbiltà tal-votazzjoni. Dan huwa ta' importanza kruċjali wkoll għall-elezzjonijiet Presidenzjali tal-2019, li għalihom l-UE tistenna li l-partiti politiċi u l-partijiet ikkonċernati, inkluż il-Gvern tal-Afganistan u l-Kummissjoni Elettorali Indipendenti (IEC), jappoġġaw il-proċess demokratiku u jikkontribwixxu b'mod kostruttiv lejn l-istabbiltà politika. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal aktar sforzi f'dan ir-rigward u jtenni l-appoġġ tiegħu għal proċess politiku inklużiv.

12. Permezz ta' appoġġ politiku u finanzjarju, l-UE tibqa' impenjata lejn l-isforzi li għaddejjin għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan. L-UE tirrikonoxxi l-passi meħuda mill-Gvern f'dan ir-rigward, permezz tal-adozzjoni tal-Kodiċi Penali l-ġdid, il-leġislazzjoni kontra t-tortura u l-leġislazzjoni dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa. Madankollu, għad hemm sfidi serji għad-drittijiet tal-bniedem u huma meħtieġa aktar sforzi sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-implimentazzjoni effettiva tal-politika u l-leġislazzjoni fil-livelli kollha fil-pajjiż kollu. Jeħtieġ li tingħata konsiderazzjoni speċjali lit-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tat-tfal u tan-nisa, inkluż miżuri li jipprevjenu l-vjolenza kontra t-tfal u n-nisa, li jipprevjenu ż-żwigi sforzati, li jiġġieldu t-tortura, il-maltrattament u d-diskriminazzjoni; u li jipproteġu d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u d-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi.
13. F'konformità mar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, l-UE ttenni l-appoġġ tagħha sabiex in-nisa jipparteċipaw b'mod siewi f'kull inizzjattiva ta' paċi, inkluż f'negozjati għall-paċi, il-konsolidazzjoni tal-paċi u l-prevenzjoni tal-konflitti, kif ukoll fis-sigurtà u l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż. L-UE tibqa' impenjata b'mod sħiħ li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Afganistan dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, l-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa u l-Programm ta' Priorità Nazzjonali dwar it-Tisħiħ tal-Pożizzjoni Ekonomika tan-Nisa.
14. Il-Kunsill ifakkar li r-riformi fl-oqsma tal-istat tad-dritt, il-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni huma essenzjali, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Afgani biex jintensifikaw il-miżuri kontra l-korruzzjoni, inkluż permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija nazzjonali, li tinkludi l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi u effiċjenti tal-korruzzjoni. L-UE tibqa' impenjata lejn l-appoġġ tagħha għal sistema effettiva ta' ġustizzja u ordni pubbliku.

Appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku u uman

15. Filwaqt li tagħraf li l-paċi dejjiema u l-iżvilupp sostenibbli huma marbuta mill-qrib, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha, bħala sieħeb b'saħħtu għall-iżvilupp għall-Afganistan, li ssaħħa l-istituzzjonijiet meħtieġa għall-paċi, l-istabbiltà u d-demokrazija, flimkien ma' sforzi sodi għat-tnaqqis tal-faqar. F'dan ir-rigward l-UE tfakkar fl-appoġġ finanzjarju sostantiv tagħha lill-pajjiż. L-UE tilqa' l-progress ġenerali li sar mill-Gvern fl-implimentazzjoni tal-aġenda ta' riforma ambizzjuża tiegħu ppreżentata fil-Konferenza ta' Brussell fl-2016, b'mod partikolari l-Qafas Nazzjonali għall-Paċi u l-Iżvilupp fl-Afganistan.
16. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Gvern biex iżid l-isforzi lejn il-kisba tal-oġġettivi kollha skont il-Qafas għall-Awtonomija permezz ta' Responsabbiltà Reċiproka (SMAF). L-UE tistenna b'interess l-adozzjoni mistennija tal-Qafas ta' Ġinevra dwar ir-Responsabbiltà Reċiproka (GMAF), li għandu jistabbilixxi oġġettivi ċari u li jistgħu jitkejlu għar-riformi matul is-snin li ġejjin.
17. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha lill-Gvern biex jagħmel operattivi bis-siġħ il-Programmi ta' Prijorità Nazzjonali żviluppati taħt il-Qafas Nazzjonali għall-Paċi u l-Iżvilupp fl-Afganistan. L-UE tfakkar fil-ħtieġa li r-riżultati tal-Programmi ta' Prijorità Nazzjonali jiġu vvalutati.

L-indirizzar ta' sfidi relatati mal-migrazzjoni u ċ-ċaqliq

18. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-impenn tal-Gvern tal-Afganistan lejn il-kooperazzjoni tagħna fuq kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni. Fl-istess ħin, il-Kunsill itenni l-importanza tat-Triq Konġunta 'l Quddiem bejn l-Afganistan u l-UE u tal-arranġament bilaterali tal-Istati Membri b'rabta mal-migrazzjoni, l-għodda indispensabbli biex jintlaħqu l-għanijiet komuni tagħna b'mod sostenibbli, li jiġi żgurat proċess ta' ritorn u ta' riammissjoni effettiv u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin. L-implimentazzjoni effettiva tagħhom trid tissokta mingħajr waqfien f'konformità mal-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali.

19. Konxja tal-isfidi li joħolqu l-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat għall-pajjiżi fir-reġjun, l-UE tilqa' x-xejriet pożittivi fir-ritorni volontarji mill-Pakistan, u tinnota l-isforzi tal-Gvern tal-Afganistan biex jaħdem fuq l-integrazzjoni mill-ġdid sostenibbli tal-persuni rimpatrijati. Ir-riintegrazzjoni hija element kruċjali għas-suċċess ta' proċess ta' paċi. L-UE ser tkompli tappoġġa, inkluż finanzjarjament, ir-ritorn prevedibbli, sikur, ordnat u dinjituż taċ-ċittadini Afgani f'pajjiżi ġirien kif ukoll approċċ komprensiv, ibbażat fuq id-Dikjarazzjoni ta' New York u l-Qafas ta' Rispons Komprensiv għar-Refuġjati (CRRF), fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tal-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat.
20. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar l-ambitu tal-ħtiġijiet umanitarji u s-sitwazzjoni mwieġħra tal-persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs). L-UE tinnota wkoll li nixfa qawwija f'partijiet kbar tal-pajjiż qed taffettwa l-aktar komunitajiet vulnerabbli. L-UE ser tkompli tipprovdi għajjnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet lill-poplu Afgan.
-